MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2005

Numru 988/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)**

**Vs**

Emanuel Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-akkuza diretta kontra l-imputat Emanuel Aquilina ta' karta ta' identita' 524853(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Marzu 2002 u matul is-snin ta' qabel din id-data, bhala d-direttur tal-fabbrika TechnoPlast Limited li tinsab KW 43 B.Kordin Industrial Estate, Paola, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fil-valur ta' Lm31620.55 izda inqas minn Lm1000 mill-fond TechnoPlast Limited li tinsab KW 43B, Kordin Industrial Estate, Paola, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti mitluba li barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tieghu;

Rat li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi u li l-imputat ta il-kunsens tieghu biex il-kawza tigi trattata sommarjament;

Semghet il-provi inkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-akkuza hija dik ta' serq ta' kurrent elettriku fejn allura jinkombi fuq l-imputat li jipprova hu, bhala d-detentur tal-fond, li ma kienx jaf u ma setghax ikun jaf bl-ezistenza illegittima tal-mezzi qarrieqa li bihom seta' jkun hemm l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku. Jiggifieri, l-Prosekuzzjoni ghandha dejjem tipprova sal grad minnha rikjest kemm il-fatt tas-serq, cioe', l-esistenza ta' konsum illegittimu, u kemm li l-imputat kien id-detentur tal-fond jew il-persuna li kellha f'idejha l-fond.

Fil-kaz in disamina ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-imputat huwa direttur tas-socjeta' TechnoPlast Limited, detentrici tal-fond ossija fabbrika KW 43B, Kordin Industrial Estate, Paola, u bhala tali l-persuna responsabbli. Jirrisulta wkoll li fl-ambitu tal-akkuza nstab

illi l-meter tad-dawl tal-fabbrika kellu z-zewg sigilli homor tieghu miksura u mwahhlin bil-kolla.

Hemm ghalhekk il-prova cara taz-zewg fatturi li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova u minn dan l-istadju l'hemm kien jispetta lill-konvenut li jipprova li ma kienx jaf u ma setax ikun jaf bl-esistenza tal-mezz qarrieqi li bih seta' jittiehed konsum illegittimu u dan sal grad tal-probabbli.

Issa l-kaz in disamina huwa wiehed atipiku billi rrisulta li fejn instabet l-irregolarita', jigifieri fiz-zewg sigilli homor ta' mal-meter, huwa maghluq permezz ta' hgiega li hi wkoll issigillata b'zewg sigilli. Jigifieri, li sabiex ikun hemm access ghall-meter kien mehtieg li jinkisru z-zewg sigilli tal-hgiega li kienet tghalaq il-meter. Irrizulta li dawn l-ahhar imsemmija sigilli kienu ntatti u rrizulta oltre li huma l-addetti tal-Korporazzjoni biss li jistghu jiksru dawn is-sigilli u jergghu jrripristinawhom. Fl-istess hin pero' gie ben pruvat li s-sigilli interni ta' mal-meter kienu imbaghbsa u li l-konsum tad-dawl tal-fabbrika konsegwenti ghal dan it-tbaghbis kien qieghed jigi registrat fuq phase wiehed minflokk fuq tlieta b'daqstant li kienet qeghdha tikkonsuma dawl illegittimament fuq wiehed biss mill-phases. Jimporta wkoll dan il-fatt tas-sigilli li la l-imputat u lanqas haddiehor, ghajr l-addetti tal-Korporazzjoni ma kellhu access ghall-meter jekk ma jiksirx is-sigilli ta' barra mwahhla mal-hgiega. Fil-kuntest ta' dan huwa sinifikanti x-xhieda ta' Mario Cassar, 'tradesman' mal-Korporazzjoni li xehed hekk: "..huwa minnu illi biex taccedi ghal dawn il-phases, cioe' ghat-tlett phases, wiehed irid jikser is-sigill tal-cubicle u dan is-sigill meta ezaminajnih ahna kien intatt. Dwar is-sigill tal-cubicle dan jinfetah darba fis-sena u jinfetah mill-addett tal-Enemalta li jmur jaqra l-maximum demand. Nispjega illi l-arlogg u l-maximum demand qeghdin fl-istess cubicle anzi fl-istess arlogg jigifieri biex taccedi kemm ghal arlogg fejn hemm it-'three phase' u kemm ghal 'reading' tal-maximum demand wiehed irid jiftah il-cubicle u l-cubicle kif spjegajt jinfetah billi jinqatghu s-sigilli imbaghad jergghu jigu ripristinati".

Illi fuq l-iskorta ta' din ix-xhieda kien bizzejjed ghall-imputat li jinnega kull gharfien tal-irregolarita'. Dan ghamlu u mar anka oltre.

Ghaldaqstant, issib li l-akkuza ma gietx pruvata u konsegwentement qeghdha tillibera l-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------